# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**166.** **18 ta' NOVEMBRU 1911.** **IR-RABA SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, i ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL CUMMISSJONI

Nhar is-Sibt li ghadda, 11 ta' dana ix-xahar, f'is-Sala ta'l Arazzi, saret l-inaŭgurazjoni ta'l Cummissjoni Reali li imbaghtet haŭna m'il Gvern Ingliż biex jara x'jista jaghmel ghall ġid taghna billi jifhem ftit kabel il ħafna taħŭid u tbaghbis li haŭn f'da'l gżejjer.

Chien hemm l-Iskof, l-Imħallfin, il Camra ta'l Avucati u ta'l Cummerċ, in-Nobbli u bosta nies oħra m'il aħjar ta'l pajjis. Chien hemm ucoll biex jaraŭ ħafna nies. Il Gvernatur ghamel taħdita li fiha kal li ħa pjacir ħafna b'dina il Cummissjoni Reali li ġiet ghaliex chienet maghmula minn nies ta' ħila cbira u li ghalhecc setghu, billi jakdu dmirhom seŭŭa, jistudjaŭ chif ijmiss il-qŭistjonijiet ta'l pajjis l'actar imħaŭŭda u b'hecc ijsibu ir-rimedju huma ħalli f'Malta jisseŭŭeŭ xi ftit griefex ghall'aħjar.

Sir Francis Mowatt, li hu il Cap ta'l Cummissjoni, ŭieġeb b'erba chelmiet sbiħ gha't-taħdita ta'l Gvernatur u kal li jitma ħafna li cullħadd ijghinhom biex ijgharrafhom m'il aħjar fuk xi griefex ta'l pajjis ħalli jcunu jistghu b'daŭna il ħafna informazjonijiet jifhmu aħjar f'hix inhu il pajjis u b'hecc ijcunu jistghu jsibu id-duŭa li l-actar tinħtieġ biex ŭieħed ijfejjak m'il aħjar il ghacs cbir u il ħafna taħŭid li haŭn. Kal li l-eŭŭel seduta chellha tibda nhar it-Tnejn li ghaddeŭ.

Nitma li dac li kalu tant il Gvernatur chemm ucoll Sir Mowatt ijseħħ ħalli b'hecc ghallankas ma jcunux intefku ħafna flus ghal xejn u f'loc li jsir xi ġid tispiċċa b'xi farsa ta'd-daħk.

Billi lill Ministru chien ilu jasallu ħafna tgemgim minn haŭn u billi ra li f'il politica chien haŭn dac it-taħŭid u ġlied collu li b'ghajb u b'dannu cbir taghna, ŭakajna fih, u billi gharrfuh ucoll li il Caxxa chienet ghoddha tkaxkxet ghal collox u li il pajjis ma jiflaħx taxxi billi jinsab imghaŭŭem f'fakar l-actar cbir, u billi il poplu jfiehmu mod u il Gvern ieħor u lankas il poplu stess ma hu ghalenija u ghalhecc bosta jridu ħaġa u oħrajn oħra, ħasibha tajjeb li jara b'ghajnejh u jisma b'ŭidnejh hu billi baghat lil membri ta'l Cummissjoni li huma nies ghorrief ħafna u mħarrġin f'da'l ħŭejjeġ u li ghalhecc setghu haŭn jifhmu aħjar dina il merilla imħabbla li ninsabu mħaŭŭdin fiha.

Mela merħba bihom b'kalbna collha u j'Alla ma jħallux min jiżżunżinjahom ħalli dac li jcun jaf il Ministru jcun isseŭŭa u b'hecc ijcun jista jaghmel xi ħaġa ta'l ġid ghal l-aħjar taghna.

Fost il ħŭejjeġ l-oħra il Cummissjoni bi ħsiebha tistudja il problema tkila ħafna ta'l Emigrazjoni taghna. Billi il Cummissjoni ghandha setgha cbira ħafna dina tcun tista tiġbor informazjonijiet eżatti u ta' ħtieġa cbira ŭisk aħjar milli stajna naghmlu aħna u ghalhecc hi tista tasseŭ issib tarf chif jixrak ta' dina il qŭestjoni tant difficili u importanti għalina.

Issa jcun il ŭakt li il Prof: Manchè jressak il ħafna documenti li ghandu fuk il Brażil kuddiem il Cummissjoni ħalli daŭna jcunu jistghu jimformaŭ irŭieħhom uffiċċjalment jecc humiex minnhom jeŭ le u jecc lil Maltin jakblilhomx li jmorru f'dac il pajjis jeŭ le.

Li m'il emigrazjoni taghna sejjra tintriga dina il Cummissjoni hi ħaġa ta' ġid bla tarf ghalina ghaliex b'hecc sejjrin incunu nafu darba ghal dejjem fejn hu l-aħjar ghall Maltin li jemigraŭ u b'liema mezzi; jeŭ li naktghu jesna minn dana il problema ghal collox.

Il Cummissjoni sejjra tieħu ftit ħsieb ucoll il Krati taghna u naħseb li taghmel ħafna seŭŭa ghaliex bosta drabi jcun actar jixirkilhom l'isem ta' *Cuccanja* milli le.

Ħafna m'il liġijiet taghna ghadhom ta' żmien Żamżam u hemm bżonn li jisseŭŭeŭ m'il actar fis jecc irridu li nimxu il kuddiem tasseŭ u jecc irridu li jinkerdu bosta m'il abbusi coroħ li jsiru hemm ta' cull ħin.

Ħafna nies m'il aħjar ġeŭ ġa mistiednin biex jatu il fehma taghhom kuddiem il Cummissjoni u dina ghandha ġa issetgha b'liġi ġdida li ħarġet li tħarrec lil min jidhrilha u tatih il ġurament, biex jixhed kuddiemha dac collu li tcun trid taf minnu.

Dina hi ħaġa seŭŭa ħafna ghaliex meta l-informazjonijiet jinstemghu taħt ġurament ma jcun jista jsir l-ebda loghob fihom.

Mela nixtieku b'kalbna collha lill Cnmmissjoni Reali cull risk u cull daŭl ħalli tcun tista takdi dmirha b'il ħakk u b'irrekka b'it-tama kaŭŭija li m'il ghamil taghha ghakli jcun jista jinbet xi ġid ghal dana l-imsejchen u mirfus pajjis.

---

# FRAC.

Nitolbu gha'r-ruħ ta' **Domincu Psaila** li miet fl-eŭŭel ta'x-xahar f'Ta's-Sliema mibchi minn cull min chien jafu ghaliex chien raġel ta' ghamil u mġieba tajjbin tasseŭ.

★

Nirringrazzja l'is-Supraintendent ta' Ŭied Incita m'irrapport ta's-sena li ghoġbu jibghatli. Minnu nieħdu li hemm 758 miġnun (439 irġiel u 319 nisa); iġifieri 19 actar milli chien hemm is-sena l-oħra. Daħlu ġodda ma' tul is-sena 129. L-actar li daħlu imġienen f'il Manicomju chien fl-1884 billi laħħku 170. Jecc tħarsu lejn il-lista ta'l *average numbers resident* issibu li il ghadd ta'l imġienen kieghed jiżdied minn sena ghall oħra u li l-actar li chien hemm hu dis-sena b'750 f'il ħin li fl-1861 ma chienx hemm ħlief 143 iġifieri f'ħamsin sena il ghadd chiber ħames darbiet. Miżżeŭŭġa hemm 186, ghożżieb 503 u romol 69.

Fi ftit cliem hu rapport maħdum b'il ghakal ħafna u li ghalih ħakku prosit tasseŭ is-Supraintendent intelliġenti u ħabriechi li hemm u li hu it-Tabib Ŭenzu Bonello il ħabib ghażiż ta' żghużiti.

---

# TLAKKIT.

—Peterich sab documenti li bihom ijrid jipprova li l-Aŭstralja chien sabha l-eŭŭel ŭieħed Amerigo Vespucci fl-1496. Jecc hu hecc l-Italja ghandha il glorja li bħal ma Cristoforu Colombo sab l-America hecc ucoll iben ieħor glorjus taghha sab l-Aŭstralja.

—Is-Sur Wyndham Levy Grech ghandu ŭieħed li jiġi minnu f'il Brażil u li ilu hemm ħafna. Dana baghat ijghidlu illi il clima hu tajjeb ħafna bħal dac li jcollna f'Malta f'Ottubru. L-ichel hu bħal taghna ucoll ghall prezz u il laħam hu orħos milli hu fl-Italja. B'it-taljan jaf tista tghid cullħadd u il purtugis li hu l-ilsien ta'l pajjis, jixbaħ ħafna l'it-taljan u ghalhecc ŭieħed jitghallmu malajr. Il bennejja u il carpentieri u nies ta's-snajja oħra malajr ijsibu x'jaghmlu. In-nies billi imfittxa huma trattati tajjeb u jistghu jfaddlu sa 30 lira f'is-sena, u spiċċa biex kal li ma hemmx pajjis aħjar fejn jista jemigra il Malti minn San Paŭlo ta'l Brażil fejn hu ilu hemm ghal ħmistax il sena u ghalhecc il fehma tieghu tiswa ħafna.

—L-Italja fiha 286,682 kilometru qŭadrat; it-Tunisija 167,400; l-Alġerija 890,000; il Marocc 439,240; u it-Tripolitanja 1,051,000 igifieri ma'l erba darbiet acbar m'il Italja. Ghalhecc jiena cont ghidt ftit ilu li jecc tisvojta l-Italja collha f'it-Tripolitanja hemm ŭisa ghalihom żejjed u dana jittamana li bħal ma il Gvern Taljan ħatar bħala Tabib ta's-Sanità lil Cavalier malti Dr: Mizzi u impiega ħafna maltin oħra bħala interpreti u f'il Pulizija, b'il mod il mod ijsib ŭisa ucoll ghall daŭc il ħafna maltin ta' ħila u b'il ghakal li jridu jakilghu il ħobż b'ix-xoghol taghhom u haŭn ma jsibux x'jaghmlu xejn.

—Bejn Malta u Skallija ma issibx fond actar minn mitt pied u hemm fejn ijlaħħak biss ghaxar piedi, Dana juri ċar li fl-antic chienu art waħda u li Malta chienet biċċa m'il Italja ucoll. Hi boghod xi 350 mil minn Tripli.

—L-actar bniedem b'saħħtu li hemm fl-Ingilterra hu Thomas Inch li jarfa pis li jghaġġeb lil cullħadd.

—Scond il Professur Sergent ta' New York il mara li ghandha l-actar ġisem sabiħ f'id-dinja hi Miss Annette Kellermann.

—Karl Mann ta' Berlin li hu maghdud l-actar bniedem li haŭn jiġri f'id-dinja katt ma jiecol laħam u lankas jixrob spiriti, cafè, tè jeŭ cicculata. Meta jcollu jġerri ma jieħux lankas bajd, ħalib, ġobon, butir jeŭ ghatż, piselli u ful; iżda jghix fuk il frott u il leŭż biss.

—Billi ħafna ghorrief kieghdin ijkumu contra it tilkim ta'l ġidri f'il California, f'il Michigan, f'il Louisiana u fl-Utah seŭŭeŭ il-liġi biex min ma jcunx ijrid ijlakkam l-uliedu b'il forz ijcun jista.

— George Allen, l-actar bniedem jiġri li hemm fl-Ingilterra u li ha l-eŭŭel cull darba li ġerra ghal mitt mil tul ma jiecolx laħam u lankas Eustace Miles li hu ic-*Champion* ta't *Tennis* fl-Ingilterra collha.

—It-Tabib Elmer Lee ta' New York u li hu id-direttur ta'r-rivista «HEALTH CULTURE» ŭara ħafna studji li ghamel fl-Eŭropa u fl-America sab li l-aħjar cura ghal **colera** hi il ħasil ta'l imsaren bl-ilma fietel b'enteroclisma.

—F'il Bulgarja in-nies ijghixu ħajja tŭila ŭisk tant li ŭieħed f'il mija ijlaħħak il mitt sena. Ħafna ghorrief studjaŭ biex jaraŭ dan mnejn hu ġejj u bosta kalu, u fosthom il gharef Professur Matchnikoff ta'l Istitut Pasteur ta' Parigi, li dana hu actarx ġejj m'il ħalib kares li jużaŭ jixorbu billi dana fih il *Bacillus Bulgaricus* ta' Massol li meta jidħol fl-imsaren jaghmel gŭerra u jekred lil microbi l-oħra ta'l mardijiet u ta'l fermentazjoni u b'hecc il bniedem billi jżomm demmu nadif jibka b'saħħtu.

F'istorja insibu bosta nies li ghixu ħajja tŭila u fosthom sejjer insemmi daŭna:— Frangisc Hongo li miet fi Smirni fl-1702 ta' 114 il sena. Aubry li miet f'Nancy ta' 116. Ta' 104 chien marad b'il ġidri. Ġanni d'Outrega ta' Fesignane f'il Galizja chien miet fl-1726 ta' 147 u ma chienx jiecol ħlief tkiek ta'l kamħerrum. Is-Sinjura Bussy mietet f'Poitiers ta' 111 fl-1737 b'ŭakgha. L-armla Leggier mietet ta' 107 fl-1755 u bakghet sa l-aħħar ta' ħajjitha timxi ħafja saħansitra fl-akkal ta'x-xitŭa. Ġann Pietru Mendez t'Albuera miet ta' 130 fl-1756 u sa'l aħħar baka jmur ghall caċċa billi ghajnejh bakghu tajjbin ħafna. Ġanni Maulumy miet ta' 120 fl-1756 u ma chienx jiecol ħlief ħobż u minestra ta'l ful u katt ma xorob ilma. Sa sentejn kabel miet chien ghadu jircheb ghal 50 chilometru shaħ bla ma jeghja u chien

tant ġūejjed li katt ma ħa saħna f'ghomru collu Il fizzjal ingliż Wilkins li miet fl-1757 ta' mitt sena chien għad-da ħamsin u nofs minnhom sħaħ il ħabs. Angelica di Latigue li mietet fl-1759 ta'l 108 chienet caċċatura m'il actar kalbienin. Gulielmu Cartier miet to' 108 fl-1759 f'Neuchatel. Crikon, l-iscarpan ta' Lieġi li miet fl-1760 chien ta' 103 snin iżżeūūeġ tfajjla ta' ħmistax il sena. Cotrel miet f'Filadelfja, fl-1760 ta' 120 sena. Il mara tiegħu chellha 115 il sena u mietet tliet t-ijiem ūarajħ. Chien ilhom miżżeūūġin tmienja u disgħin sena. Cadet mietet f'Viltry-le-Francais ta' 100 fl-1763 u Ġann Anton Bondiri, tabib, miet ta' 117 il sena f'Carqueto, fl-Italja, fl-1765. Dam jaħdem tabib għal 95 sena. Daūna huma meħudin m'il «*Igiene*» ta'l Gorini u żmien ilu chien ġiebhom ucoll ir-«Risorgimento.»

—Scond Brinkler ta' Washington, li ilu jistudja minn ħafna snin l-ichel, ijgħarrafna li l-ichlijiet li jgħarrku l-actar is-saħħa u il ġmiel ta'l bnjedem huma: l-alcool u l-acqui minerali, l-ilma ta'l vit jeū ta'l bir, il caūcaū u iċ-ċicculata il cafè, it-tè, il crema, il butir, ix-xaħmijiet u iż-żjut, iz-zoccor u il cunservi, il melħ u cull ħaġa immelħa, il ħall, il ħūaūar u jecc tiecol ħafna patata u ħobż. Ma daūna jżid it-tipjip. Dana jrid biss li ūieħed jiecol laħam abjad u katt ta'ċ-ċanga, ħut frisc, frottijiet u ħxejjex u ftit ħobż, b'il lumi u it-tadam; u zoccor u ilma daūc li jcun fihom il trottijiet biss.

—Il progress li hemm miexi fl-America hu cbir ūisk u f'collox. F'loc it-typewriter il-lum bdeū jużau il fotografija għaliex sabu li tħaffef ħafna u hi ūisk irħas. Impjegat b'it-typewriter ma jictebx ma tul ġurnata xogħol actar minn ħamsa u għoxrin ittra biex jiccupjahom f'il ħin li f'il fotografija jūasslu ma'l mitejn cull jum. Għandhom macna ġdida li jisimha «Mail-om-eter» li tagħlak l'ittri u tūaħħal u tgħodd il bolli b'il ħeffa ta' ħames t'elef cull siegħa. Tagħmel xogħol ta' għaxar impjegati. Għandhom ucoll macni li jitūu ma'l erbgħin elf ittra cull jum. Collha ħūejjeġ li jġiegħluc tistagħġeb.

## VITA DEL V. ANT. TABONE, O.P.

*Dopo morto lo trovarono i Padri con le mani quindi a modo d'orante, con lo faccia allegra e ridente come riferisce il P. Gravina il quale «in voce Turturis» sotto l'anno 1551 dice: così. Panormi B. Frater Antonius Melitensis obiti, quem post mortem, velute orantem, et laetissimo vultu subridentem reperierunt. Devulgata la morte di Antonio mentre giaceva nel Feretro e posto nella Chiesa a publica vista, corsero a vedere il Catavere dell'estinto, uomini e donne. pieeoli e grandi le quali eonforme all'uso gli baciavano le mani: una donna vecchia la quale già da due mesi pativa male in una mammella. prendendogli la mano, e toccando con quella la parte offesa, restò subito miracolosamente sanata. Alla voce di questo miracolo corse tutto il popolo al Cadavere det Beato, e per divozione stracciandogli tutte le vesti, lo lasciarono ignudo e votlero anche levargli li capelli se dalli Padri ciò loro fu permesso: per la qual eosa tosto fu portato in un altro tuogo sicuro. Fu sepolto come dice Ottavio Gajetano nel Convento di Santa Zita in Palermo appresso ove era sepolto il Beato Fra Pietro Geremia. Di la poi per dare luogo alla sepoltura ad un'altro secolare, il quale si crede esser stato gran tempo innanzi padrone di quel sito, disponendo così il P. Priore, fu trasportato alla tomba dei Padri. Dopo la morte liberò anche un altra donna dal continuo dolore di capo, a al riferire del P. Gravina, e non si dubita d'aver fatto altri miracoli e grazie: Signis multis in pheretro perpetratis: La Vita di questo gran Servo di Dio la descrive Mich. Pio. tom. 2. de vitis B. B. et viror fama Sancti Illustrium sui Ord. Praedicat, ed il P. Gravina nel luogo sopracitato.*

FINE.

Su la Vita del Servo di Dio Domenico di Casal Gargur laico Minore Osservante, copiata fedelmente da un manoscritto che conservasi nel Convento di S. Maria di Gesù dei Minori Osservanti della Valletta.

## ALTRO BEATO MALTESE CHIAMATO DOMENICO.

*Altro religioso laico Maltese Minore Osservante chiamato Beato Domenico di Casal Gargur, di cui nel Martirologio Francescano leggesi così: «Kalendis Februarii...................... sanctissime Spiritum reddidit hic beatus frater laicus suae professionis zelantissimus, in Conventu Se. Mariae di Iesu Netino, tam in vita, quam in morte miraculis clarus. Cujus corpus in maxima veneratione apud Netinos......... Il suo ritratto si venera nel quadre del SSmo. Crocefisso che sta nel Coro di sopra del Convento di Sta. Maria di Gesù dei Minori Osservanti della Valletta (che di poi fu trasportato e messo nella facciata del belvedere ove sta tuttora.*

N.B.—I punti esprimono mancanza di parole non chiaramente inscrite nel manoscritto. Dopo 'Februarii' mancano 6 parole, e dopo 'Notinos' mancano due parole.

EDUARDO ASCIAK 27/Set./96.


## GĦAL DAUC LI JILAGĦBU IL-LOTTU.

Daun jaħsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uieħed jista jagħmel il fortuna tiegħu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uieħed jirrifletti illi min jilgħab ambo jista jirbaħ fost 4005, min jilgħab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilgħab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilgħab flusu taħt daun il condizionijiet u ma chienx jippreferixxi IS-SELF tal flus bi PREMJI; b'daun il probabiltà li uieħed jirbaħ hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-aħħar dac li hu actar INTERESSANTI hu illi il flus li uieħed johroġ ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jiġri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti għaliex għandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jiġu mibjugħa b'rati mensili ta 5sc. bid-dritt li uieħed jista jipparteċipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taħt iffirmata hija biss responsabbli għall contratti li jġibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt ieħor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet oħra għandu jmur għand

C. BORNACCINI

119, Strada Teatro, Valletta.

# IL CURA TA'S-SAUM

*( Tissocta minn numru ta' kabel.)*

LADY FLORENCE DIXIE ta' Strome Ferry ta'l Ingilterra kalet li il ctieb ta' Dr: Dewey iżżommu bħala ħaġa l-actar ghażiża ghaliex ghallimha x'ghanda taghmel biex tarġa iġġedded dic is-saħħa li chienet tilfet. «*I shall ever keep Dr: Dewey's «The Science of Living» and value it to the end of my days, passing it on as my most valued possession, for to it I own the news which taught me how to regain the health I had lost forever.*»

* * *

L. H. ANDREWS ta' Oregon City, fl-America kal fuk il ctieb ta' Dr: Dewey li hu l-acbar opra ùara il Bibbja, «*Outside of the Bible, it is the grandest book of the age and is destined to save many valuable lives.* »

* * *

IR-REV: H. N. BARNUM, D.D., kal li b'il cura ta's-saùm fiek minn **diarrea cronica.** «*I believe in the principle and since adopting it I have been cured of chronic diarrhoea.*»

* * *

IR-REV: J. H. LAVERTY ta' Mars, fl-America, kal li l-acbar gherf ùara it-tùemmin nisrani hu dac ta'l cura ta's-saùm u li bih fiek m'il mard ta'l istoncu li chien ilu batut bih ħafna. «*With the exception of the Christian Religion it has been the greatest discovery of my life. I have experienced a complete mental and physical transformation. Previously my stomach gave me a great deal of trouble but now it could not be better.*»

* * *

MRS. E. D. RAND ta' Grinnele, Jowa, fl-America kalet li binha fiek minn marda ta'l clieùi u uġiegh-ta'-ras. «*My son was troubled with Bright's disease and severe headaches.*» Ùara il cura kalet «*that he has not been so well for years. I think now we have tested the method long enough to give it our unequivocal approval.*»

* * *

I. D. NORTH, ta' Cincinnati, fl-America, kal li fiek b'dina il cura m'in-**nevrastenija** u m'id-**dispepsja**; u fuk il ctieb ta' Dr: Dewey kal li hu «*the grandest work I ever read except the Bible. I have been an invalid for over 30 years with nervous prostration and dispepsia. I have not an ache or pain about me now.*»

* * *

SUSAN E. CLARK ta' West Brattleboro, fl-America, fieket m'il istoncu, m'il clieùi, u minn simna goffa. «*My stomach, kidneys and other organs felt paralyzed and I became burdened with obesity which made the slightest exertion seem an utter impossibility. I felt that life was only a living death.*» Ùara erba snin kalet «*After four years' trial of it, I can truly say that I have steadily improved in physical and mental strength. The burdensome obesity is all gone.... I am able to see in myself improvement from month to month.*»

* * *

A. W. DENNET ta' Los Angeles, f'il Californja, kal li fiek m'il uġiegh ta' ras u m'is-simna. Beda biex ijsejjaħ il cura ta's-saùm «*the wonderful discovery of the true key to health. I have been practicing the prescribed methods of that benefactor of mankind (Dr: Dewey) for over thirteen months and with the most gratifying results.*»

Ùara sitt snin li baka jimxi scond it-taghlim ta' Dr: Dewey kal li sab ruħu tajjeb bħal meta chien żaghżugh b'dana li sejjaħ «*perfect system of health.*»

* * *

IR-REV: ALF: T. CLARKE ta' Middletown fl-America kal li minn mindu ghamel dina il cura fiek minn ħafna mardijiet li chien jinsab maħkur bihom u li moħħu sar ijghinu ùisk actar. «*Physically I am becoming a new man: indigestion, sleeplessness, nervousness !... have well nigh left me and I feel a general increase of vigour. But I prize still more highly the good I have received mentally.*»

* * *

W. H. ELY, otticu, ta' Middletown, fl-America, kal li ùara il cura żied tmien libbri pis milli chellu kabel u Mrs. Ely sittax il libbra. Dana juri chif min ijcun maghlub ùara il cura jismen billi jżid f'il pis actar milli chellu kabel. Mrs. Ely chienet tbati b'nevralġija kalila u fiekitilha ghal collox. «*Mrs. Ely was tormented by nevralgia pains for twelve years... but they ceased immediately and have not troubled her since.*»

* * *

IR-REV: GEORGE A. GRAVES ta' New Britain, fl-America kal li chien marid b'il **malarja, pneùmonite, dispepsja nervusa, mejt** u **b'kalbu** ucoll. Ùara li ghamel il cura fiek minnhom collha u chien m'il ġdid tajjeb seùùa ghax-xoghol tieghu. «*I am ready again for years of good service*» chiteb lil Haskell.

* * *

IR-REV: W. W. DEWEY ta' Kalamazoo, fl-America kal li chien ilu jbati minn snin b'catarru icreħ. Iżda ùara li ghamel il cura fiek ghal collox u chien jista jaħdem bħal kabel. «*Catarrh has almost ceased to trouble me, exhaustion is never experienced and fatigue is becoming a stranger. Next to the blessed Gospel of the Son of God is «the new Gospel of Health.*»

* * *

D. W. BARTON ta' Croydon, fl-America, kal li chien batut ħafna minn żmien tùil bl-uġiegh ta' ras u bl-istoncu. Malli ghamel il cura ta' Dr: Dewey tjieb ghal collox. «*Dr: Dewey's method*» chiteb «*will give better results than all the patent medicines.*» Kal ucoll li ħabiba tieghu li chien ilha snin ittabbab biex tfejjak l-istoncu taghha bla ma ghamlet katt xejn malli imxiet fuk il cura ta' Dr: Dewey fi ftit granet fieket ghal collox. «*The result was in 25 days a well stomach and a new woman.*»

* * *

J. M. CHAFFEE ta' Bridgeport, fl-America chien marid bi ħżieża, uġiegh ta' ras, imsiemer, stoncu-ħażin u costipazjoni. Il ħżieża chien ilha f'ùiċċu ghal ħmistax il sena bi ħriek u ichel cbar. Tabbab chemm felaħ u ħela ħafna flus f'il medicini iżda collox ghal xejn. Ùara il cura ta's-saùm fiek ghal collox. «*I feel the best I have in ten years. I feel like a new man.*» Ùara sentejn stkarr li sab ruħu aħjar m'il ghoxrin sena li dam ijtabbab kabel. «*It has done more for me in two years than all the doctors have been able to do in 20 years.*»

* * *

HARRIS HEMPSTEAD ta' Norwich, fl-America, chien marid m'it-tùielid b'**dispepsja** u il pulmuni tieghu ma chienu jisùeù xejn tant li chien dejjem ijkaħkak b'catarru. Dam ghal sentejn jobżok id-demm minn sidru. Malli ghamel il cura tjieb ghal collox.

*( Tissocta.)*

# IS-SAHHAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

—«Jecc inghidlec titŭerŭer»..... tenna Xara.

—«Min ?... ghidli... min ? » staksih b'il ħrara Pinu. Xara resak lejh u kallu f'ŭidintu:—

—«De Saqueville ! ! »......

Pinu kabeż xiber minn fuk il pultruna b'il ħasda u ma gharafx ijlissen ħlief:— «U il mitt xitan ! ! x'fittillu ? »

—«Int taraha bi cbira dina il biċċa gha'x ma tafx il ħŭejjeġ minn ghankudhom iżda jiena le... ghaliex xaghri chien ġa beda f'il boghod jibjad. Ghandec tcun taf li dac il minghul ta' De Saqueville chien żmien kabel lemaħ lil gharusa tieghec Rużanna, nhar l-Imnarja, fuk is-Sakkajja u ghad li chienet ghadha tfajla mtarfra biss tbellaħ ŭara ġmielha u tilef ghaklu ghal collox.

«Beda ghalhecc jersak lejn l-Imdina u beda jindeħes ma' ta' Falzun bla ma ħadd sata katt jintebaħ il ghala billi hu chien Cavalier dac iż-żmien ghakli ħafna u Rużanna, chif ghidtlec, chien ghadha lankas biss ħolmot li f'id-dinja ghad trid tħobb u tiżżeŭŭeġ ma' xi ħadd.

«Ra chif ghamel ghalhecc u tħabbeb ma' ħuha Matteŭ li chien żaghżugh dħuli ħafna u li chien jaf ijġib ruħu tajjeb ma' cullħadd, u billi De Saqueville chien nieżel minn ŭieħed m'il oghna u m'il akŭa ġiddijiet ta' Franza, il Hachem ma raha xejn bi cbira li ibnu jitħabbeb ma'l Çavalier franciż.

«De Saqueville, bniedem ħajjen daks ghafrid, ħeba ġo kalbu chemm felaħ il ħuġġieġa li chienet chibsitlu f'kalbu ghal Rużanna biex ma jnaffarhomx u ghalhecc katt ma iżżarġan li jħares ħarsa ŭaħda żejjda biss lejha sa chemm daħal damma ma' Matteŭ u ghalhecc f'id-dar ta'l Hachem Falzun.

«Billi chien studja fl-aħjar scola ta' Pariġi chien jaf x'ijghid ħafna u ghalhecc Matteŭ, billi chien ijħobb jitghallem dejjem, intilef fuku b'ruħu u b'ġismu u fi ftit xhur ħassel minn ghandu l-ilsien franciż li beda jitchellmu daks li chiecu chien ilu jitħarreġ fih is-snin il cbar.

—«U Ambroġ x'kal ? » staksa collu mħaŭŭad Pinu.

—«Ambroġ ghal l-eŭŭel ma ra xejn ħażin f'dina il ħbieberija» ŭieġbu Xara «biss demmu ma ltakax ma' dac ta'l Cavalier; u billi ma chellux ix-xejra bħal ħuh li jrid dejjem jitghallem iżda biss dic ta'l armi, ftit li xejn ma chienu jiltakghu flimchien u katt bejniethom ma setghu jixxenxlu gheruk cbar.

—«Matteŭ chien ressku lejja ucoll iżda jiena, ghad li ma cont xejn inxommhom ijtuħu lil daŭna is-sensafidi ta' Cavalieri, ma dehirlix li ghandi nsib x'nistmerr f'dic il ħbieberija u lil Cavalier ilkajtu chemm il darba ġo dari u fraħt bih ucoll.....

«Ghaldakstant ma naraha xejn bi cbira jecc Matteŭ fetaħ kalbu ma' De Saqueville u tarraflu b'dac li chien jaf fuk Żafira bla ma katt semma lili, u sgur katt ma basar f'elf sena li dic il krara tieghu sejjra m'hux biss tisŭa ħajjet Żafira iżda ħajjtu ucoll.

«Jiena ċenfart lil Matteŭ u ŭiddibtu li ma chellu jerħi leħitu f'idejn ħadd u ghidtlu li l-isbaħ li chellu jaghmel chien li ma jfittixha xejn actar li ma jmurx jintebaħ xi ħadd, jarfa klughu jixlih lill Ingisitur u jsib ruħu maħruk ħajj f'nofs ta' misraħ jeŭ imtertak f'il bir ta's-schiechen. Tarraftlu ucoll li malli tiġini ix-xokka f'moxtha cont bi ħsiebi li nŭarrab lil Żafira m'il Ŭardija, neħles minnha u nrodd radda salib ghal ŭiċċi li dac il-loghob ma chellix x'irridu actar ghaliex ma chienx ħejj galbu li nsib ruħi ninxteŭa fuk il ġamar u mghoddi minn cullħadd bħala ghadu ta't-tŭemmin nisrani.

«U balleċ, hecc ghamilt. Rajt chif crejtilha ghorfa chiss inchiss f'tarf il Mosta u tallajtha hemm b'erba xarbitelli, f'lejla kierħa ta'x-xitŭa, u ŭara li dlictilha kiegh idha bi ftit gordi seuŭa biex ma jcollhiex ghal ten ticsirli rasi, tlaktha ghall rieħha u domt ghal żmien tŭil li lankas biss cont irrid nisma biss b'isimha ghaliex ġismi chien ijkumli xeŭc xeŭc b'il biża.»

—«U Matteŭ x'ghamel ? » staksa Pinu, collu mberghen.

—«Ghal l-eŭŭel sama minni u katt lankas biss ma lissen isimha» ŭieġbu it-Tabib «iżda dac il minghul ta' De Saqueville, b'il chelma ħelŭa u karrieka tieghu, beda jbieghdu ftit ftit minni sa ġibdu ghal collox taħt il ħacma tieghu u ġieghlu jghidlu fejn chienet moħbija Żafira m'hux biss iżda ġieghlu jieħdu ghandha u jdaħħlu damma maghha.

«Il Cavalier, li chellu borża cbira, beda jxaħħamha chemm jiflaħ biex tghallmu dac il gherf moħbi u billi l-actar chien riedha taghmel maghmul lil Rużanna ħalli titlef ghakalha ŭarajh u issir tħobbu b'imħabba ta'l ġenn. Beda jmur ghandha ucoll bla ma jcun jaf Matteŭ u b hecc bejniethom bdiet dieħla ftit ta'l bruda billi Falzun ma chienx jarah ghadu miġbud lejh bħal ma chien kabel.

«Jecc il gordi ta'l Cavalier chienu joghġbu bla tarf lil Żafira iżda hi chellha ŭisk actar ġibda f'kalbha ghal Matteŭ ghaliex il franciż, ghad li chien sabiħ tasseŭ, chellu iżda demmu mejjet ŭisk u b'il ħafna tħanxil u mutetti tieghu chien jasal biex fl-aħħar ijdejjak u jdardar lil cull min chien jersak lejh.

«De Saqueville intebaħ b'dana u ghalhecc beda jbejjet f'kalbu lil Matteŭ u beda jħabbel rasu biex jara chif jista jaghmel ħalli ijbieghdu minn Żafira u jŭakkaghha ghal collox taħt il taħxija idejh.

«Il ghejra xeghlitlu kalbu ghaliha u meta chienu jcunu kieghdin jaħdmu maghha u chif chienet tcun mitlufa fi nghas ta's-seħer chienet tlissen l-isem ta' Matteŭ b'ħafna cliem ħelu mieghu, De Saqueville, ghad li chien ijghaddi collox b'il ħlieka ġo fih chien jimbaram u jitfettet ghal darba billi chellu f'moħħu li in-nisa ta'd-dinja collha ma chellhomx ijħobbu ħlief lilu.

«Matteŭ billi chien żaghżugh imrobbi tajjeb ħafna katt ma mela rasu b'dic il ġibda li chellha lejh Żafira, u jecc chien ijġib ruħu b'il ħleŭŭa maghha u jmellisha xi ftit ma chienx jaghmlu ghal ħaġ'oħra ħlief biss ghaliex chien minn ghandha kieghed jitghallem ħafna ħŭejjeġ li joghġbuh bla tarf.

—«U katt raŭ xi ħaġa ġdida maghha li ma cont katt rajtha int kabel ? » staksih Pinu.

—«Iva» ŭieġbu Xara «chif chien gharrafni Matteŭ żmien ŭara. Darba rabtulha riġlejha tajjeb b'ħabel li ghakkduh ma natx chemm il darba b'mod li min ijħollu chien ijrid ħafna ħin. Iżda ghad li chienu kieghdin it-tnejn ijżommulha idejha tajjeb fuk il mejda u ma chien hemm ħadd f'il cmajra ħliefhom il ħabel inħall u sabuh imkieghed fuk rasha. Kaluli ucoll li xi darba riedet tghellithom billi Żafira m'hux dejjem ijcollha f'ġisimha ħafna minn dac li jsejjħulu *fluidu medjanicu* u ghalhecc m'hux dejjem tista tati *fenomeni* sbiħ; u billi hi mara bi xturha bla minġura taħseb li dana hu xi ghajb cbir ghaliha u ghalhecc tfittex li *tittrucca*, iġifieri li taghmel b'idejha xi ħaġa biex turi dac li ma jcunx minnu. Imħabba f'dina il bluha taghha hemm bosta li jaħitfu biha billi nzertaŭ f'il ħin li il *fenomeni* saru b'il ghajnuna ta'l *fluidu medjanicu* u bosta oħrajn li jonfru cull meta jisimghu biss b'isimha ghax ijghidu li hi mara karrieka billi ħabtu ħadu sehem f'*seduti* li fihom Żafira riedet *tittrucca* biss.

«Ghajnejha cull tant jilmeŭ f'id-dlam bħal ta'l ktates billi minnhom joħroġ bħal daŭl ta'l fosfru. Meta tcun riekda xi dakkiet tħoss min ijtajjrilha il cutri minn fukha jeŭ ijġebbdilha u saħansitra jkattghilha ħŭejjigha ghad li ma jcunx hemm nies. Ghad li il camra chienet tcun maghluka intappu il

purtieri ta't-tieka chienu jittajjru sa nofs il mejda donnhom taħt xi riefnu kaŭŭi, u billi middet idha fuk il cappell ta'l Cavalier bla ma missitu beda jittajjar ma'l arja u tħabat sa żammu. Darba raŭ driegh seŭŭa u darb'oħra dic il *materializzazjoni* li chienet tidher raŭha ċara u bla ghilt ta' xejn billi lemħu f'il camra maghhom ġisem sħiħ bħal ta' bniedem, liebes l-aħmar u b'it-turbant abjad, b'ŭiċċu sfajjar u li ŭara li mexa ghal chemm il darba ma' tul il camra u sellmilhom ma deħerx actar. U biex jurihom li chien ħaġa tasseŭ tahom il forma ta' ŭiċċu f'it-tkiek li ghakad donnu glatina b'mod li l-ebda gharef ma sata jifhem chif u li setghu jerfghu dic ix-xbiha f'il ġips biex gharfuha bosta nies li chienet ta' bniedem li xi darba chien ħajj xi ftit snin kabel. Ġie li dina il forma ta' ŭiċċu u ta' idu taħom ucoll f'it-tafal u dana dejjem sar f'il ħin li Żafira chienet f'il boghod seŭŭa minnu. Dina il forma chienet issir hecc: chienu jimleŭ mghajġna ta'l fuħħar b'it-tafal li chienet tcun tkila b'collox ma't-tmien ŭizniet u jaħbuha f'rocna f'id-dlam ŭara il purtiera u fejn Żafira ma chienetx tcun tista tilħakha. Meta chienu jorbtu ghal darba lil Żafira u jżommulha idejha chemm jifilħu chienu jittu id-daŭl u ŭara ftit jisimghu seba dakkiet b'il ghacsiet ta' sŭaba ma'l ħajt biex iġifieri jistghu jixilghu m'il ġdid. U x'chienu jsibu? L-imghajġna tant tkila f'nofs il mejda b'it-tafal b'collox u fih il forma ta' ŭiċċ il *fatat* bla ma ħadd semaghha titkighed jeŭ ħassha ghaddejja minn fuk rashom!»....

—«Ħŭejjeġ ta'l ghaġeb tasseŭ!» kallu Gaŭci «Chemm nixtiek li chien ghadha ħajja ħalli cont nara xi ħaġa jiena ucoll»......

—«Cont tilghab bħalna ħajjtec li tmut maħruk».... tenna Xara «iżda ghall gherf inkerdu dejjem ħafna nies sa' m'il ibghad żmienijiet. Barra minn tieghu chien darba f'it-tafal ħallielhom il forma ta' ŭiċċ omm Żafira, chif kallhom hu, u meta fleħha seŭŭa sabu li chien hemm xi ftit ta'x-xebħ ġmielu ma' bint Żażra. Meta ureŭ baxx baxx daŭc il forom lil ŭieħed scultur li chien jinkala ħafna tant baka mixrub fih innifsu b'il ghaġeb li beda jemmen b'dac li kalulu hu ucoll; ghaliex bħal ma kal fi ftit minuti ħadd ma jista jaghmel b'ghilt dac li f'id-daŭl biex ijsir hecc seŭŭa ijrid ħafna żmien u sengha li Żafira sgur f'dac ix-xoghol ma chellhiex. Ħaġa ta'l ghaġeb oħra f'daŭna il forom chienet li ghajnu chienet tibka miftuħa u li chien jiġi fiha jidher sa ilsienu stess, żeŭġ praspar li bl-ebda ŭiċċ ta' bniedem ħajj ma tista taghmilhom. U dana ġara m'hux darba biss u ma nies oħra ucoll ghaliex ma' Żafira b'il moħbi ġie li ħadmu oħrajn. U dac il *fatat* m'hux biss chien jaghmel dana u jitchellem iżda jghannakhom u jħallihom ijmissuh u saħansitra jiżnuh ucoll. Darb'oħra deħret mara b'tarbija fi ħdanha u collha mgeżŭra f'velu abjad li ŭara ftit ghibet. Biss Matteŭ kabad id it-tarbija u ghaddilha subghajha li ħass fihom il ghadmiet jebsa. De Saqueville ghannak lil dic il *fatata* u biesha u m'hux talli ħallietu iżda ħassha bħallichiecu chienet bniedma ħajja tasseŭ.

«Darba f'il pis taghha Żafira żiedet f'dakka ŭiżintejn u nofs u darb'oħra nakkset f'dakka ucoll ħames ŭiżŭiet u reġghet ġiet f'il pis ta' kabel fi ftit ħin ŭara. Darb'oħra ghamlu fuk il mejda carta micsija b'in-nigrufum; ŭara ftit fuk il carta raŭ it-tbajja ta' sŭaba u l-isŭed taghhom sabuh fuk id ŭieħed minnhom ghad li subghajn Żafira ma chienux imġemmdin barra milli chienu miżmuma tajjeb.»

—«Inħossoc ġibtli ghajnejja ŭara ŭidnejja?» kallu Gaŭci collu mistaghġeb.

—«Mela isma din, Barun ħalli tinbala fic in-nifsec ftit actar» compla Xara. «Darba it-tafal kafluh ġo caxxa u żammeŭ il muftiħ fukhom. Meta semghu is-seba dakkiet ma'l ħajt fetħu il caxxa u f'it-tafal ijsibu il forma ta' ŭiċċ dac il *fatat* li chien jidhrilhom. *

«Xi dakkiet chienu jisimghu dakk tant ħelu fl-arja bla ma chienu jilmħu lil ħadd kieghed ijdokk basta li chien ijcun hemm Żafira mitlufa fl-*inghas medjanicu* taghha **. Ma' tul il-lejl chienu jissabbtu il bibien u it-tŭieki b'mod li ŭieħed ma chienx jista jaghlak ghajn ma' ghajn. Billi meta it-tŭieġiba tcun *iva* dejjem jinstemghu *tliet* dakkiet u meta tcun *le* jinstemghu *tnejn* biss, ŭieħed beda jifhem li jista jitchellem ma'l *fatati* u b'hecc inħolok bħal alfabet ta' dakkiet fi b'il ghajnuna tieghu meta ŭieħed jaghmel xi mistoksija jista jcollu it-tŭieġiba taghha?»....

---

* *Dac collu li s'issa ghidt li ghamlet Żafira ma't-Tabib Xara u l-oħrajn sar collu m'il famusa medju naplitana Eusapja Palladino li kalbet ras id-dinja collha b'il gheġubijiet cbar li kieghda taghmel. Daŭc il fenomeni li semmejna raŭhom, b'ghassa l-actar kalila, il ghorrief cbar Prof: Lombroso, Prof: Morselli, Prof: Richet, Prof: Curie, Prof: Bottazzi, Prof: Flammarion, Prof: D'Arsonval, Sir Oliver Lodge, Hereward Carrington, Prof: Pappalardo, Prof: Capuano, De Rochas, Prof: De Amicis, Federico Verdinois, Dott: Visani-Scozzi, Prof: Aksakof, Prof: Schiaparelli, Carlo Du Prel, Prof: Brofferio, Prof: Gerosa, Prof: Ermacora, Prof: Finzi, Barzini, Prof: Foà, Prof: Galeotti, Prof: Lombardi, Prof: Pansini, Prof: Ochorowitz, Prof: Caldarelli, Prof: Belfiore, Dott: Otero Acevedo u bosta oħrajn li collha kalu li f'dac li raŭ u li semghu ma chien hemm l-ebda kerk u li ippruvaŭh b'tant rekka ta' ghodod li ma setghu bl-ebda mod jiġu mghelltin jeŭ jaraŭ ħaġa b'oħra billi ta' bosta m'il fenomeni sa ħadu ir-ritratt taghhom! Min jixtiek jakra xi ħaġa actar f'it-tul fuk Palladino jixtri il ctieb sabiħ li chiteb il gharef xjenzjat american* **Hereward Carrington**—«EUSAPIA PALLADINO AND HER PHENOMENA;» *dac ta'l* **Prof: Morselli**—«SPIRITISMO E PSICOLOGIA;» *dac ta'l* **Prof: Bottazzi**—«FENOMENI MEDIANICI;» *u il* «MANUALE DELLO SPIRITISMO;» *ta'l* **Prof: Armando Pappalardo**. *L-*«**Annals of Psychical Sciences**» *u il* «**Luce ed Ombra**» *ijġibu ħafna fenomeni ta'l Palladino ucoll. Jiena dehirli li f'loc li nħarrfilcom fuk il-lenbija, u in-nuċċali li jara in-nies gherieŭen, u il-laħam li chien kieghed jaghkad, u il cobba ta'l ispag li biħa mar Skallija u il ħafna bluħat l-oħra m'hux minnhom li jintkalu minn bosta fuk is-Saħħar Falzun li ijcun ŭisk aħjar li ngharrafcom b'daŭc il ħafna ħŭejjeg ta'l ghaġeb li jidhru donnhom sħarijiet iżda li ma humiex ħlief fenomeni ippruvati bl-acbar rekka m'ix-xjenzjati l-actar ghorrief biex b'hecc ijcun lakatcom raġġ daŭl minn ta'l gherf li ŭsalna fih.*

** *Dana ġara fl-America b'iż-żeŭġ aħŭa Fox li xeghlu id-dinja b'daŭna l-gheġubijiet fl-1848, ghad li l-eŭŭel fenomeni medjanici moderni li nafu bihom chienu daŭc ta'l medju Gottlieben Dittus f'il Wurtemberg fl-1840 u li xehduhom il cappillan protestant Blumhardt u il Prof: Metzger. Lil l-aħŭa Fox il poplu injurant ried joktolhom u ħelsuha b'xaghra, ghad li ħafna nies ghorrief u fosthom l-Imħallef Edmonds ħakkak li ma chienux kieghdin ijkarrku b'in-nies (The American Spiritualism) il Prof: Gibier, il Prof: Mapes, il Prof: R. Hare f'il «Experimental Investigation of the Spirit Manifestations» u il Nus f'il «Choses de l'autre monde») Fl-Ingilterra żammeŭ ma'x-xbejbiet Fox il ghorrief Collyer, Richemond, Brittan, Samson, Rogers, Guppy, Bray u Hammond. F'il Germanja il E. Fichter, Franz Hoffman, Massimiljanu Perty b'il «Psychische Studien.» il cbir Zoellner, Carl du Prel u il Baruni Hellenbach. Fi Franza kabżu ghall fenomeni medjanici taghhom Allan Kardec, Victor Hugo, Girardin, Nus, Camille Flammarion, Richet, De Rochas, Victorien Sardou, Sage, Flournoy, Binet, Féré u Gyet. Fl-Italja il Cav: Chiaja li sab il Palladino, Verdinois, il Prof: Capuano, Lombroso, Morselli, Porro, Bottazzi, Foá, il Prof: Capuana, Tamburrini, Vizioli, Ascensi, Bianchi, Limoncelli, Penta u oħrajn. Lombroso u Morselli f'il bidu chienu contra ħafna iżda meta raŭ biddlu il fehma.*

*(Jissocta.)*

## St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Dauc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghaddeŭ tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Joħrog'*

## IR-RUĦ NISRANIJA
## KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

SIEGĦAT TA' ADORAZJONI

TA'L

CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' ċana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħrogħa. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGĦMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

**50 u 51 Strada Mercanti il Belt**

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU BIDDLU u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daũc collha li jridu jiccuraũ rũieħħom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeũ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haũn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 25. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħũejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabiħ ũisk u ħafna ħũejjeġ oħra bħal daũn ta'l aħjar qũalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaũ biex taraũ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŨ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

**METAL POLISH "PHONIX"**

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŨ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jithabtu biex ijsibu cura sewũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaũ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŨH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.